FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Novembru, 2001**

**Numru 20**

**Avviz. numru 389/01JR**

**Joseph Bonanno u Maria Dolores Bonanno**

**vs**

**Victor Mercieca**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erbgha u tletin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm34.94), u fejn intqal:**

**Illi l-atturi huma s-sidien tal-fond "Raven", Efesu Street, St. Paul's Bay, filwaqt li l-konvenut hu s-sid tal-fond kontigwu "Marvick", Efesu Street, St. Paul's Bay. L-atturi tellghu l-hajt divizorju ta' bejn il-bjut rispettivi b'erba' rapprezentanti prezz ta' danni kawzati mis-socjeta` konvenuta Bonnici Brothers Limited fuq**

**propjeta` tal-Korporazzjoni Enemalta, f'Zabbar Road, Fgura, fil-25 t'Awissu, 1997.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta pprezentat risposta fl-20 ta' April, 2001, fejn intqal illi preliminarjament it-talba attrici hi preskritta taht it-termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u**

**Illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` konvenuta dejjem hadmet fuq struzzjonijiet tas-socjeta` attrici, u ghalhekk il-hsara jew danni kkawzati m'humiex imputabbli lilha;**

**Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi din id-decizjoni preliminari tirrigwarda biss l-ewwel eccezzjoni sollevata, cioe` li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, cioe` li l-azzjoni hi preskritta peress li gja ghaddew sentejn.**

2. **Illi mill-ittra ufficjali esebita datata 17 ta' Novembru, 1998, u mir-riferta relativa taghha jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet giet notifikata fl-20 ta' Novembru, 1998.**

3. **Illi s-socjeta konvenuta da parti taghha qed tghid li tali notifika hija nulla peress li ma saritx skond il-Ligi, u specifikatament skond l-Artikolu 187 (4)(a) u (b), peress li r-riferta ma tindikax il-persuna li giet notifikata jew fejn giet notifikata.**

4. **It-Tribunal innota fir-rigward illi skond ir-riferta gew notifikati bl-ittra ufficjali Bonnici Brothers Limited. Fir-rigward it-Tribunal ma jsib ebda bazi l-ghala ghandha tigi dikjarat nulla l-imsemmija notifika.**

5. **Pero`, anke tenut kont li n-notifika hi valida, din saret fit-23 ta' Novembru, 1998, u ghalhekk it-terminu ta' sentejn stipulat fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili ghadda, u ma jirrizulta li ma sar xejn izjed f'dak il-perjodu li seta' interrompa jew issospenda dak it-terminu. Ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni odjerna hi preskritta.**

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddikjara l-azzjoni ta' l-attur preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u konsegwentament jichad it-talba attrici, bl-ispejjez ta' dina l-istanza kontra l-attur.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**